Il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi **limitatament** però għall-ammonti ta' Lm64,234.06,6 fuq kont numru 23 – 156 – 7860; l-ammont ta' Lm4,879.08,3 fuq kont numru 23 – 156 – 7879; u Lm5,178.89,2 fuq kont numru 23 – 156 – 7852; u b'kollox għal total ta' erbgħa u sebgħin elf, mitejn u tnejn u disgħin lira maltija, erba' ċenteżmi u milleżmu (Lm74,292.04,1) oltre interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fuq dana l-ammont ikkalkolati bis-sistema ta' interessi sempliċi mid-data tat-22 ta' Marzu, 1985 sad-data tal-ħlas effettiv u tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut li jħallas dana l-ammont u interessi flimkien mal-kap ta' l-ispejjeż inkluż dawk peritali.

---

**28 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Noel Ellul *noe*

*versus*

Joseph Bowman *noe et*

**Ġurisdizzjoni – Klawsola Arbitrali – *Proper Law* – Liġi Applikabbli – Polza ta' Kariku**

*Il-Qorti sabet illi minkejja l-klawsola arbitrali hija kellha ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża. Semmiet li l-fatti kif ukoll ix-xhieda in kontestazzjoni jinsabu f'dawn il-gżejjer, kif il-fattur ta' l-ispejjeż lokalment kienu ser ikunu aktarx inqas minn arbitraġġ f'Londra.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi s-soċjetà *Bugeja Brothers Limited* importat mill-Brażil sebgħa u sebgħin (77) *bundles* ta' kewba li ġew ittrasportati lejn Malta mill-bastiment *Karos* – 305B kif jirriżulta mill-annessa polza ta' kariku mmarkata Dok.1;

Peress illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fis-26 ta' Ġunju 1991 meta l-importatur mar jieħu konsenja tal-merkanzija rriżulta li minn dsatax (19)-il *bundle* kien naqas l-injam li huwa elenkat *fis-Schedule* ta' l-*information form* ta' l-*institute of London Underwriters* iddatat 22 ta' Lulju 1991 u mmarkat Dok. 2;

Peress illi għal dan in-nuqqas l-assikurazzjoni attriċi ħallset kif obbligata s-somma ta' elfejn mitejn ħamsa u erbgħin lira (Lm2245) *li minnhom mija u ħamsin lira* (Lm150) kienu *survey fees* u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet tad-ditta importatriċi kif jirriżulta mill-annessa surroga ddatata 31 ta' Awissu 1991 immarkata Dok. 3;

Peress illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huwa responsabbli għall-imsemmi nuqqas l-istess attur talab *li* dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli għan-nuqqas fuq riferit u;

2. Tikkundannahom jew min minnhom biex iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' elfejn mitejn u ħamsa u erbgħin lira Lm2245 in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur *nomine* bl-interessi mill-31 ta' Awissu 1991 fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Joseph Bowman *et noe* li biha eċċepixxa:

1. Preliminarjament din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' dan il-każ u dana *ai termini* tal-polza tal-kariku esebita mill-attur *nomine* bħala Dok. A artikolu tnejn;

2. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit skond it-*tally sheets* Dok. T hawn esebit jidher li tliet *bundles* injam biss ma ġewx ikkonsenjati u skond artikolu 19 tal-*Bill of Lading* ir-responsabbilità tal-konvenut *nomine* hi limitata għal mitt lira sterlina (Stg.100) *per bundle* f'kollox tliet mitt lira sterlina (Stg.300);

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konenut Godwin Abela fil-kwalità tiegħu premessa li biha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok għandha tiġi pprovata l-allegata surrogata;

2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess għandha ssir prova kif meta u min minn sar l-allegat ħlas ta' l-allegati

danni;

3. Illi fit-tielet lok it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* li l-merkanzija *in kwistjoni ġiet sbarkata minn fuq* il-vapur bil-ħsara;

4. Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess l-allegati danni huma għal kollox esaġerati;

5. Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju għall-premess il-konvenuti *nomine jissollevaw li ma kinux fi kwalunkwe kaz* responsabbli għal kwalunkwe ħsarat u danni allegati u dana *ai termini* tar-regolament nru. 86 dwar il-portijiet hawn anness;

6. Illi fis-sitt lok u bla preġudizzju għall-premess is-*survey fees* allegati apparti li huma esaġerati ma jistgħux jiġu riklamati *stante* li m'humiex danni ta' l-assigurat

7. Illi fl-aħħarnett l-interessi jiddekorru bla preġudizzju għall-premess mid-data taċ-ċitazzjoni *stante* li *si tratta* dwar kawża ta' danni (sentenza ta' l-appell Sede Kummerċjali deċiża fis-sitta ta' April 1992 Ċitazz. nru. 112/86 Dr Robert Staines u Walter Camilleri *vs* Godwin Abela u John Cavallo u Chev. Silvio Mifsud);

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża fosthom in-noti ta' osservazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni;

Ikkunsidrat:

B'din l-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut Bowman *nomine* qiegħed jirritjeni li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' din il-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 2 tal-Polza tal-karika fol. 6 li jgħid hekk:

2. *Law applicable and arbitration any claims and/or disputes arising under this bill of Lading shall be decided according to English Law. Such claims and/or disputes shall be referred to Arbitration in London, to the exclusion of any other jurisdiction, one Arbitrator to be appointed by the owners and the other by the lawful holder of Bill of Lading. In the event of disagreement between the Arbitrators the claims and/or disputes shall be referred to the decision of an umpire to be appointed by them*";

Ikkunsidrat:

Fil-qosor il-fatti saljenti tal-kawża huma dawn. Is-soċjetà maltija *Bugeja Brothers Limited* importat numru ta' *bundles* ta' njam mill-Brażil li tgħabbew fuq il-vapur *Karos* 305B tan-*Niver Lines* li hi s-soċjetà Griega;

It-trasport sar skond il-*Bill of Lading* esebit. Il-bastiment wasal Malta fis-26 ta' Ġunju 1991. Il-merkanzija tnizzlet minn abbord u għaddiet taħt il-kustodja tal-*Cargo Handling Company Limited.* Meta l-importatur ħa l-konsenja tal-merkanzija sab nuqqas ta' njam ċjoè 268 tavla, aktarx minħabba serq. L-importatur kellu polza ta' assikurazzjoni mas-soċjetà ingliża *Guardian Royal Exchange Assurance PLC, tramite* l-aġenti tagħha f'Malta *Formosa & Camilleri Ltd.* Din is-soċjetà aċċettat il-*claim* ta' l-importatur ħallsitu Lm2095 fil-31 ta' Awissu 1991, u ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-importatur. Issa qiegħda

tagħmel din il-kawża kontra l-vapur **u kontra s-soċjetà *Cargo Handling Co. Ltd.*** sabiex dawn it-tnejn jew min minnhom jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas imsemmi u konsegwentement iħallsu d-danni relattivi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti bħala regola għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi kawża bħal din anke fil-konfront ta' l-armaturi Griegi tal-vapur in kwistjoni a bażi ta' l-artikolu 742(1)(ċ) tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12, billi l-kawża tikkonċerna kontestazzjoni dwar nuqqasijiet f'merkanzija li nġiebet u li tinsab jew qiegħda f'Malta. In-nuqqasijiet fil-merkanzija jistgħu jiġu biss aċċertati u konstatati fil-mument ta' l-iskarikazzjoni u hu loġiku li l-Qorti tal-post fejn tinħatt il-merkanzija hija l-aktar Qorti addatta biex tindaga u tiddiferixxi kwistjonijiet bħal dawn;

Illi fil-każ odjern il-konvenut Bowman *nomine* qiegħed jirritjeni li din il-Qorti tilfet il-ġurisdizzjoni fil-konfront tal-vapur billi fil-polza tal-kariku hemm il-klawsola arbitrali msemmija;

Illi ma jista' jkun hemm ebda dubju li klawsoli simili huma bħala regola validi;

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tagħna (li dan l-aħħar parti minnha ġiet ikkummentata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 1991 *in re* Micallef *et noe vs* Mifsud *et nomine* hija pjuttost abbundanti u mhux għal kollox konkordanti fuq l-applikazzjoni ta' klawsoli simili li jidderogaw il-ġurisdizzjoni;

Għala norma tal-Qrati tagħna jirrispettaw l-għażla tal-ġurisdizzjoni estera li jkunu ftiehmu fuqha preventwament il-

partijiet sakemm ma jintweriex li hemm xi raġuni tajba biex jiċħduha, f'liema każ jaffermaw il-kompetenza tagħhom. Hemm xi sentenzi maltin ukoll li jammettu diviżjoni fil-ġurisdizzjoni billi jikkonfermaw il-kompetenza tagħhom dwar il-konstatazzjoni tal-fatt iżda fl-istess ħin jiddeklinaw il-ġurisdizzjoni dwar it-talba għall-kundanna tal-pagament tad-danni, (ara kollez. Vol. XXXIX.1.1317) is-soluzzjoni li tidher pjuttost skarsa minn utilità prattika;

Ikkunsidrat:

Illi sabiex teżerċita d-diskussjoni tagħha jekk għandhiex tilqa' jew le l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dawn il-fatti:

1. Ma rriżultax li l-partijiet għamlu xi ftehim espress jew *ad hoc* fuq il-ġurisdizzjoni. Il-klawsola relattiva tinsab fuq it-*tergo* tal-polza tal-kariku litteralment bi *small print* ma' numru kbira ta' klawsoli oħra;

2. Il-provi dwar il-fatti kif ukoll ix-xhieda li jridu jiddeponu fuq il-fatti in kontestazzjoni jinsabu f'dawn il-Gżejjer. Huma aktar konvenjenti għal kulħadd li l-provi jinġabru hawn Malta. Il-konvenut jissottometti li l-provi jistgħu jinġabu b'affidavit u dawn jintbagħtu Londra. Però ma kkunsidrax il-fatt li jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' kontro eżami tax-xhieda f'liema każ il-komplikazzjonijiet jikbru;

3. L-ispejjeż tal-litigazzjoni f'Malta għadha intiża ferm u għalkemm ma saret ebda prova dwar l-aspett ta' l-ispejjeż f'Malta kkomparati ma' dawn ta' arbitraġġ f'Londra x'aktarx li l-ispejjeż f'Londra huma ferm aktar superjuri;

4. Illi f'din il-kawża bħala konvenut ma hemmx biss il-vapur iżda hemm ukoll is-soċjetà *Cargo Handling Co. Ltd.* Kieku kellha tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Bowman xorta waħda din il-kawża trid titkompla f'Malta kontra din is-soċjetà **li hija wkoll leġittimu kontradittur fil-konfront ta' l-attur.** Mela l-arbitraġġ f'Londra jfisser biss duplikazzjoni ta' xogħol spejjeż u possibilità ta' deċiżjonijiet konfliġġenti;

5. Il-linja marittima *Niver Lines* armatriċi tal-bastiment li ġab il-merkanzija f'Malta tidher li għandha kuntratt kummerċjali regolari ma' Malta u għandha aġent marittimu stabbilit li jaf jieħu ħsieb l-interessi tagħha. Dana jfisser ukoll li potenzjalment kwalunkwe sentenza kontra l-vapur x'aktarx li tkun tista' tiġi esegwita f'Malta;

6. In-*Niver Lines* hija soċjetà Griega u l-indirizz tagħha hu Kalottroni 126 *Priacus*. Ma ġiex spjegat kif deċiżjoni arbitrali mogħtija f'Londra tista' tkun esegwita;

7. Ma jirriżultax li jekk dan il-każ jinstemgħu minn din il-Qorti l-vapur jista' jiġi pprivat minn xi vantaġġ leġittimu u kien sejjer igawdi li kieku l-każ jinstemgħa b'arbitraġġ f'Londra. Il-vapur jista' jiddefendi l-interessi tiegħu permezz ta' l-aġent tiegħu quddiem il-Qrati Maltin daqs li kieku l-każ tressaq quddiem arbitru f'Londra;

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u partikolarment l-aspetti fuq elenkati din il-Qorti jidhrilha li l-forum l-aktar naturali konvenjenti u opportun biex jiġi investigat u deċiż dan il-każ huwa eżattament il-forum Malti. Konsegwentement ma tistax tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bowman *nomine* u minflok qiegħda tiddikjara li

nonostante l-klawsola tnejn (2) tal-Polza tal-kariku din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tisma' u taqta' din il-kawża;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bowman bl-ispejjeż kontra tiegħu.